MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1409/2010

**Mobisle Communications Limited**
**C24655**

**vs**

**Talierco Michael Albert**
**I.D. 34131(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu il-konvenut ghandu jhallas is-somma ta’ elfejn u disgha Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2009.23), liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma’ servizz telefoniku cellulari kont numru *502985* moghti mis-Socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l- konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l- konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas is-somma ta’ elfejn u disgha Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2009.23), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------